MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2365/2003

**Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom tal-kumpanija estera Royal and Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha John's Garage Ltd., u l-istess John's Garage Ltd**

**Vs**

**Joseph Leone Ganado**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Novembru, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici nomine et. s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm232.85) rappresentanti danni ikkagonati f'incident stradali li sehh fis-17 ta' Mejju 2002 bejn vettura bin-numru BAB725, misjuqa minn Carmel Colombo u proprjeta tas-socjeta attrici John's Garage Ltd, assikurata

mas-socjeta attrici l-ohra u xarabank bin-numru ta' registrazzjoni FBY 706 misjuqa mill-konvenut, gewwa Triq Sir Temi Zammit, Ta' Xbiex, ghal liema incident kien responsabbli l-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjaliipprezentata fis-17 ta' Marzu 2003 u bl-imghaxijiet minn din id-data kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici nomine et. sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-13 ta' Frar 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici nomine et. s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm232.85), bl-imghaxijiet legali mis-17 ta' Marzu 2003.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali ipprezentata fis-17 ta' Marzu 2003 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------